

Brussell, 4 ta' Frar 2022  
(OR. en)

5967/22  
ADD 1

TRANS 63  
DELECT 16  
TELECOM 40  
IND 30  
DIGIT 25

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 492 final
Suġġett:	ANNEX tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 492 final.

Mehmuż: C(2022) 492 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.2.2022  
C(2022) 492 final

ANNEX

**ANNEX**

**tar-**

**Regolament Delegat tal-Kummissjoni**

**li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE  
kollha**

## ANNEX

(kif imsemmi fl-Artikoli 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 13 u 14)

- (1) It-tipi ta' *data* dwar l-infrastruttura:
  - (a) links tan-network tat-toroq u l-attributi fiżiċi tagħhom:
    - (i) ġeometrija;
    - (ii) wisa' tat-triq;
    - (iii) għadd ta' korsiji;
    - (iv) gradjenti;
    - (v) ġunzjonijiet;
  - (b) klassifika tat-toroq;
  - (c) lok tal-istazzjonijiet ta' pedaġġ;
  - (d) lok taż-żoni ta' servizz u żoni ta' mistrieħ;
  - (e) lok ta' punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom;
  - (f) lok ta' stazzjonijiet ta' gass naturali kompressat, gass naturali likwifikat, gass tal-pitrolju likwifikat;
  - (g) lok tal-punti ta' riforniment u l-istazzjonijiet għat-tipi l-oħra kollha ta' fjuwil;
  - (h) lok ta' żoni ta' kunsinna.
  
- (2) It-tipi kruċjali ta' *data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet:
  - (a) regolamenti tat-traffiku statiku u dinamiku, fejn applikabbli:
    - (i) kundizzjonijiet tal-aċċess għall-mini;
    - (ii) kundizzjonijiet tal-aċċess għall-pontijiet;
    - (iii) restrizzjonijiet ta' aċċess permanenti;
    - (iv) limiti tal-veloċità;
    - (v) regolamenti dwar il-kunsinna tal-merkanzija;
    - (vi) projbizzjonijiet għas-sorpass fuq vetturi tqal tal-merkanzija;
    - (vii) restrizzjonijiet fuq il-piż/it-tul/il-wisa'/l-għoli;
    - (viii) toroq one-way;
    - (ix) limiti tar-restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew obbligi mal-validità żonali, status ta' aċċess attwali u kundizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni f'żoni tat-traffiku regolati;
    - (x) direzzjoni ta' vjaġġ fuq korsiji riversibbli;
  - (b) pjani jiet għaċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku;

- (3) It-tipi kruċjali ta' *data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet:
- (a) Il-lok u l-identifikazzjoni tas-sinjali tat-traffiku li jirriflettu r-regolamenti tat-traffiku u li jidentifikaw il-perikli:
    - (i) kundizzjonijiet tal-aċċess għall-mini;
    - (ii) kundizzjonijiet tal-aċċess għall-pontijiet;
    - (iii) restrizzjonijiet ta' aċċess permanenti;
    - (iv) sinjali oħra tat-traffiku li jirriflettu r-regolamenti tat-traffiku;
  - (b) regolamenti tat-traffiku statiku u dinamiku, fejn applikabbli, għajr regolamenti tat-traffiku msemmija fil-punt (2);
  - (c) identifikazzjoni ta' toroq b'pedaġġ, applikabbli għal ħlasijiet fissi mill-utent u l-metodi ta' ħlasijiet disponibbli (inklużi kanali tal-bejgħ bl-immnut u metodi ta' twettiq);
  - (d) pedaġġi tat-toroq varjabbli u metodi ta' pagament disponibbli, inkluż kanali tal-bejgħ u metodi ta' twettiq.
- (4) It-tipi kruċjali ta' *data* dwar l-istat tan-network:
- (a) toroq magħluqa;
  - (b) korsiji magħluqa;
  - (c) xogħlijiet tat-toroq;
  - (d) miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku temporanji.
- (5) It-tipi oħra ta' *data* dwar l-istat tan-network:
- (a) pontijiet magħluqa;
  - (b) aċċidenti u inċidenti;
  - (c) kundizzjonijiet ħżiena fit-toroq;
  - (d) kundizzjonijiet tat-temp li jaffettwaw il-wiċċ tat-triq u l-viżibbiltà.
- (6) It-tipi ta' *data* dwar l-użu fil-ħin reali tan-network:
- (a) volum tat-traffiku;
  - (b) veloċità tat-traffiku;
  - (c) lok u t-tul ta' kjuwijiet tat-traffiku;
  - (d) ħinijiet tat-trasport;
  - (e) ħinijiet ta' stennija fil-punti ta' qsim tal-fruntieri;
  - (f) disponibbiltà ta' żoni ta' kunsinna;
  - (g) disponibbiltà ta' punti għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi;
  - (h) disponibbiltà tal-punti ta' riforniment u tal-istazzjonijiet għat-tipi l-oħra kollha ta' fjuwil;

- (i) prezz tal-iċċarġjar/riforniment ta' fjuwil *ad hoc* .